# 57. Il-Ġerħa tal-Firda

Kull meta bil-maltemp tar-riħ wix-xita
mill-ponta fuq il-blat ta' fuq il-baħar
tinqata' blata, ħerba liema bħalha
taqa' fix-xtajta,

U fuq il-blat titfaċċa ġerħa bajda,
ġerħa li tbajjad għal snin twal fis-swieda
li biha l-id taż-żmien tiżbogħ u ċċaflas
id-dahar tal-blat.

Għall-blat ta' qalbi wkoll ħabat temp ikrah,
għal sentejn sħaħ, ajru felħan li qaċċat
biċċa minn qalbi w fiha żera' u xerred
ħerba tal-biża'.

Għażiża Nannie, liema żmien ifejjaq
il-ġerħa li ħallejtli ġewwa qalbi
meta bi tlitt itfal ħallejtni waħdi,
waħdi sal-mewt!